Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Raymond Tabone

Vs

E.T.V Ltd

CCT 195/24/CC

Illum 19 ta' Novembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2024, fejn talab l-ammont ta' €120 (mija u għoxrin ewro) rappreżentanti ammont għal bieba tal-*fridge-freezer* ta' l-għamla *Liebherr*, liema bieba spiċċat bil-pum imxaqqa, u talab alternattivament li l-bieba tal-*fridge-freezer* tiegħu tiġi mibdula.

Ra li s-soċjeta intimata E.T.V Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-proċedura, ippreżentat risposta fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, għar-raġuni elenkata fl-istess risposta.

Illi fis-seduta skedata għal produzzjoni tal-provi, entrambi l-partijiet ipproducew il-provi u x-xhieda tagħhom.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' l-attur Raymond Tabone, ix-xhud prodott mill-attur Michael Mizzi, u lil Maurice Pace rappreżentant tas-soċjeta intimata, jixhdu bil-ġurament fis-seduta ta' l-5 ta' Novembru 2024.

Ikkunsidra ;

Illi jirriżulta li f'Settembru 2023 l-attur Raymond Tabone xtara *fridge-freezer* ta' l-għamla *Liebherr* minghand is-soċjeta intimata

Illi jirriżulta li f'Ġunju 2024, il-pum tal-bieba tal-*fridge-freezer* ixxaqqaq, u l-attur, tenut kont li l-garanzija kienet vigenti, gibed l-attenzjoni tas-soċjeta intimata sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. Is-soċjeta intimata infurmat lil attur li tali ħsara ma kienetx

koperta mill-garanzija minhabba li l-garanzija ma tkoprix komponenti maghmulin minn plastik. Inoltre s-socjeta intimata infurmat lil attur li sabiex il-pum jinbidel, kellha tinbidel il-bieba shiha tal-*fridge-freezer.* Ghal dan il-ghan, l-attur kien mitlub ihallas somma ta' €120 (mija u ghoxrin ewro) bhala hlas tal-bieba. L-attur lmenta mas-socjeta intimata li huwa ma kellux ihallas ammont ta' €120 (mija u ghoxrin ewro) sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata. In vista li ma ntlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet, l-attur kellu jirrikorri ghal din il-procedura.

Illi l-attur ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tad-data ta' l-akkwist tal-*fridge-freezer* minghand is-socjeta intimata, kif ukoll sett ritratti attwali tal-*fridge-freezer* ghal kompletezza tal-provi.

Illi Maurice Pace in rapprezentanza tas-socjeta intimata spjega li l-garanzija vigenti fuq il-*fridge-freezer* ma kienetx tkopri komponenti tal-plastik, u inoltre, l-pum ma setax jinbidel singolarment. Ghaldaqstant, is-socjeta intimata offriet lil attur li jixtri l-bieba shiha ghal prezz ta' €120 (mija u ghoxrin ewro).

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil Raymond Tabone jixhed bil-gurament fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur ghandha timmerita akkoljiment. It-Tribunal jirrileva li ma huwiex gust li l-attur ghandu jhallas ammont ulterjuri waqt il-perjodu tal-garanzija, u dan sabiex jirrimedja difett, li ma giex ippruvat li tali difett kien rizultat minn uzu hazin.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza avvanzata minnu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha tibdel il-bieba tal-fridge-freezer Liebherr ghas-spejjez unikament taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mill-atturi, u jordna lis-socjeta intimata tibdel il-bieba tal-fridge-freezer Liebherr, ghas-spejjez unikament ta' l-istess socjeta intimata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru